MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2293/2004

**N Calleja Trading Enterprises Ltd (C16998)**

**Vs**

**Spiteri Mark**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Dicembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1040.22 (elf u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont ta’ elf u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1040.22) rapprezentanti prezz ta’ ikel mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut meta

kien jiggestixxi l-*catering* ta' St. George's Park, Paceville, u dana fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali datata 13 ta' Ottubru, 2004 (Lm8), kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-konvenut proprio qatt ma innegozja mas-socjeta` attrici u ghalhekk m'huwiex il-legittimu kontradittur.
2. Ill l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrelata ghal talba ta' pagament ghas-somma ta' elf u erbghin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1040.22) dovuti ghal merkanzija konsistenti f'oggetti ta' ikel, mibjugh u konsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut. Il-konvenut kien jiggestixxi il-catering tas-Saint Georges Park, f' Paceville u l-istess konsenja ta' l-oggetti ta' l-ikel, giet lilhu konsenjata fuq ordni specifika tieghu. Il-konvenut jallega illi qatt ma nnegozja direttament mas-socjeta` attrici. Ma kienx il-legittimu kontrattur u l-ammont mhux kollhu kien dovut ghax esagerat. Is-socjeta` attrici pproduciet bhala xhieda taghha lid-Direttur Michael Calleja li kkonferma l-bejgh u konsenja ta' l-istess oggetti ndikati fil-fatturi u delivery notes pprezentati fl-ghaxar ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (10/5/2005) u mmarkati Dok 13 sa 38. Fuq dawn il-kontijiet ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni ta' l-istess Mark Spiteri. Gie prodott ukoll ir-ricevitur ta' l-istess oggetti li kumbinazzjoni nzerta ukoll jismu bhal konvenut. Dana stqarr fis-seduta ta' l-ghaxra ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (10/5/2005),

li huwa kien li s-store keeper tal-konvenut u kien jircievi l-oggetti. Dwar pagamenti kien jiehu hsieb il-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut inghata diversi drabi okkazzjoni sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu huwa baqa ma pprezentax ruhu. Di fatti fit-tnejn ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2/2/2006), is-socjeta` attrici talbet li l-kawza tibqa ghas-sentenza. It-Tribunal investa l-istess ammonti u ma gewx kontestati anqas il-konvenut ma pprezenta ruhu biex jikkontesta l-istess provi tieghu.

Jiddeciedi billi, diment li t-talbiet attrici gew sodisfacentement provati, jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1040.22), bl-ispejjes u nteressi li jibdew jiddeporru mid-data tal-prezentata mit-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (13/1/2004) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------